14 ta' Jannar, 1955

Imħallfin :
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Schembri *versus* Giuseppe Chircop

**Preskrizzjoni — Trasport — Gurament — Interruzzjoni — Kompensazzjoni — Interessi — Art. 2261 (e), 1182, 1183, 1184(2), 2252(d), u 2265 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-ġurisprudenza tagħna l-aktar reċenti ma għadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi huma bażati fuq il-preżunzjoni tal-pagament; għaliex il-ġurament li min jeċċepixxi dawk il-preskrizzjonijiet jiġi msejjaħ jieħu mhux dak li huwa ħallas, iżda li mhux debitur; u għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni brevi hija kompatibili ma' eċċezzjonijiet oħra li jwasslu għall-konklużjoni li l-eċċipjent mhux debitur. U għalhekk, jekk iż-żmien tal-preskrizzjoni jkun għadda, il-preskrizzjoni għandha tiġi akkolta, jekk ma jirriżultax li ġiet b'xi mod interrotta.*

*Ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta ż-żewġ debiti ma jkunux likwidi u eżiġibili; u għalkemm il-likwidità taż-żewġ krediti mhux estrem essenzjali għall-kompensazzjoni ġudizzjali, b'dan kollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu oppost b'kompensazzjoni mhix faċili u ma tistax issir malajr, dik il-kompensazzjoni ma għandhiex tiġi faċilment aċċettata mit-tribunal; u min jammetti li hu obligat jirrestitwixxi oġġett li qiegħed għandu ma jistax jimponi, bħala kondizzjoni għar-restituzzjoni ta' dak l-oġġett, li l-parti l-oħra tirrestitwilu oġġett ieħor li hu jippretendi li l-parti l-oħra hi obligata troddlu.*

*Min hu debitur f'somma determinata, u jiġi msejjaħ biex iħallasha b'att ġudizzjarju, hu obligat iħallas l-interessi fuq dik is-somma mill-jum ta' l-interpellazzjoni li tkun saritlu għall-ħlas, mingħajr ma jkun meħtieġ li hu jipprova li bata xi telf.*

*L-azzjoni għall-ħlas ta' ġarr ta' oġġetti hija suġġetta għall-preskrizzjoni ta' sena.*

*Il-ġurament għandu jiġi deferit biss fuq talba tal-kreditur li jsib*

*ruħu konfrontat bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; u l-liġi ma tak-kordax lill-Qorti l-fakoltà li timponieħ lid-debitur. Jista' jiġi deferit fil-kawża, jew jiġi mpost fis-sentenza; imma dejjem fuq talba tal-kreditur.*

Il-Qorti —

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa kien silef lill-konvenut is-somma ta' £200 mingħajr ebda skrittura, u barra minn dan ġarrlu xi ġebel, b'kollox 57 vjaġġ, li dik il-ħabta kienu jqumu £2. 10. 0, kull wieħed; u illi l-konvenut kien ħallsu £10 akkont, li huwa qiegħed jimputa għas-self, billi dan hu l-iżjed antik, b'mod li l-konvenut jiġi għandu jagħti £190 għal bilanċ tas-self u £142. 10s. 0d. għat-trasport tal-ġebel; u illi huwa kien ukoll silef lill-konvenut "ice-chest", li dan kellu jirritornalu a sempliċi rikjesta — ħaġa li naqas milli jagħmel non ostante l-intima uffiċjali tal-5 ta' Ottubru 1950, fejn talab kumpens għall-istess "ice-chest", fin-nuqqas tar-ritorn relativ, bir-rata ta' 2s.6d. kuljum (dok. A); talab illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti li jmissu, il-konvenut jiġi kundannat (a) iħallsu s-somma ta' £332. 10s. 0d. kwantu għal £190 b'restituzzjoni tas-self, jew aħjar bilanċ ta' self lilu magħmul minnu, u in kwantu għal £142. 10s. 0d. bħala prezz tat-trasport ta' ġebel fuq riferit; (b) jirritornalu u jagħtih lura, fi żmien qasir u perentorju, l-"ice-chest" li dana kien silfu; (c) u jħallsu, bħala kumpens għall-użu ta' dina l-"ice-chest", u/jew bħala danni għan-nuqqas tar-ritorn relativ, somma li tiġi kalkulata fuq il-bażi ta' 2s.6d. kuljum, jew rata oħra verjuri li tistabbilixxi l-Qorti, mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali ġa msemmija sa dak inhar tar-ritorn effettiv. B'riżerva ta' drittijiet oħra kompetenti lilu skond il-liġi, bl-ingħaxijiet legali, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali riferita tal-5 ta' Ottubru 1950, u dik preċedenti tat-28 ta' Marzu, 1950, kontra l-konvenut, li ġie mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-7 ta' April

1954, li biha ġie deċiż, billi (1) ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sena sollevata mill-konvenut relattivament għat-talba tal-attur rigward il-ħlas ta' 57 vjaġġ ġebel, u hekk ġiet respinta l-istess talba, bl-ispejjeż kontra l-attur; (2) ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-konvenut relattivament għat-talba tal-attur rigward is-self *ta' £200, bl-ispejjeż kontra l-konvenut*; (3) *il-konvenut ġie* kundannat iħallas lill-attur £190, bilanċ tas-self ta' £200 ġa msemmi, *bl-imgħax* legali mill-jum tas-sentenza, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; (4) u l-konvenut ġie kundannat biex jirritorna lill-attur, *fi żmien perentorju* ta' tmien tijiem, l-"ice-chest" imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u jħallsu l-kumpens għan-nuqqas ta' restituzzjoni *tiegħu* fl-ammont ta' 1s.6d. kuljum mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Ottubru, 1950 sar-restituzzjoni effettiva tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-kon*venut*; u ħalliet *riżervata* li dan ta' l-aħħar kwalunkwe azzjoni "si et quatenus" kontra l-attur għar-restituzzjoni u l-ħlas *minnu msemmija*; wara li kkunsidrat;

Illi l-azzjoni ta' l-attur tirrigwarda (a) self ta' £200, (b) ħlas ta' ġarr ta' 57 vjaġġ ġebel, u (c) self ta' "ice-chest";

Illi, dwar is-self ta' £200, jingħad li l-attur hu miżżewweġ lill-oħt il-konvenut ...... Il-konvenut *jiċħad* għal kollox din il-pretensjoni ta' l-attur, billi jgħid illi din il-pretensjoni hija invenzjoni assoluta, u huwa qatt ma ħa flus mingħand l-attur, jew talbu xi flus. Huwa ssolleva wkoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali dwar dan is-self;

*Illi*, dwar il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, jingħad illi l-eċċezzjoni relativa mhix ammissibili; għaliex is-sistema tad-difiża adottat mill-konvenut dwar din il-pretensjoni ta' l-attur hu inkompatibili ma dik l-eċċezzjoni. Infatti, il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut hi waħda mill-preskrizzjonijiet qosra; u jinsab stabbilit fil-ġurisprudenza l-prinċipju, fondat fuq l-induzzjoni loġika, illi skond is-sistema partikulari tal-kategorija ta' preskrizzjonijiet bħal dawn, għall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibili l-preskrizzjoni jekk *id-debitur, b'att tiegħu spontaneu ta' ċertu sistema ta' difiża*, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibili l-pożizzjoni ġuridika *tiegħu mal-preżunzjoni* kostitwenti l-fondament tal-preskriz-

zjoni u l-forma permessa mill-liġi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni. Issa, il-konvenut mhuwiex qiegħed sempliċement jikkontesta dan id-debitu tiegħu, pretiż mill-attur; kieku dan kien il-każ, il-preskrizzjoni sollevata *minnu kienet tkun ammissibili* (Kollez. Vol. XXVIII-I-240; XXX-I-976); imma huwa qiegħed jikkontesta dak il-pretiż *debitu bħala totalment* ineżistenti di fronti għall-attur. U l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hi inkompatibili ma' dik l-ineżistenza assoluta tal-kreditu (Vol. XXVI-II-151; 449; XXX-I-964);

Illi, fil-meritu, dwar dan is-self *jingħad* illi l-attur u martu silfu lill-konvenut is-somma ta' £200, u l-konvenut irrikonoxxa dan is-self. Dan jirriżulta ...... Dan biex jissemmew biss ix-xhieda estranei għall-partijiet. Għalhekk din il-pretensjoni ta' l-attur tidher ġustifikata; imma għas-somma *ta' £190, billi*, kif ġa ingħad, il-konvenut ħallsu akkont ta' dik is-somma l-ammont ta' £10;

Dwar il-ħlas ta' ġarr ta' 57 vjaġġ ġebel;

Illi l-eċċezzjoni relativa tal-preskrizzjoni, sollevata mill-konvenut, tidher sostenibili. L-attur mhuwiex persuna li teżerċita ordinarjament il-mestier tal-ġarr; imma l-liġi tikkunsidra bħala vetturali dawk kollha li jinkarikaw ruħhom biex *jittrasportaw* minn *post* għal ieħor persuni jew affarijiet bi prezz. Issa, l-attur inkarika ruħu biex jittrasporta l-ġebel lill-*konvenut ħalli dan* jibni xi fondi, u għal dak l-inkariku huwa kellu jirċievi prezz. Il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut hi dik kontemplata fl-art. 2252(*d*) tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi illi l-azzjonijiet tal-vetturali ta' l-art u l-baħar jiġu preskritti bl-għeluq ta' sena. Għall-eżitu favorevoli ta' din l-eċċezzjoni jrid jiġi pruvat illi l-pretiż kreditu ta' l-attur ilu dovut aktar minn sena minn qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni, jew ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Ottubru, 1950, *u illi l-konvenut* jistqarr illi huwa mhuwiex debitur ta' l-attur għall-istess kreditu, jew *illi* ma jiftakarx jekk dak id-debitu ġiex imħallas, salv, naturalment, li ma jirriżultax minn xi kawża ta' impediment, sospensjoni jew ksur tal-preskrizzjoni. Issa, l-attur stess jippretendi illi dan il-kreditu ilu dovut lilu mill-konvenut aktar minn sena qabel id-data fuq imsemmija, il-konvenut ċaħad

*illi huwa debitur ta' l-attur fis-somma reklamata mill-attur*, u ma jirriżulta minn ebda kawża ta' impediment, sospensjoni, jew ksur tal-preskrizzjoni eċċepita;

Illi, dwar is-*self ta' l-"ice-chest"*, il-konvenut ma jikkontestax illi l-attur kien taħ "ice-chest", u illi kien talabulu lura wara li ġġieldu (fol. 50), imma jallega illi, biex jagħtihulu, *l-attur irid jagħtih* biċċa "gauze-wire" li kien taħ u jħallsu ta' l-użu ta' maqjel u ta' żewġ għorof li huwa ta ukoll lill-attur. Fi kliem ieħor, *il-konvenut* qiegħed jeċċepixxi l-kompensazzjoni. Issa, hu magħruf illi ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta ż-żewġ debiti ma jkunux *likwidi* u *eżiġibili (Vol. XXXIII-I-614; XXXI-I-8)*, *b'mod illi*, ladarba l-kreditu pretiż mill-konvenut mhux likwidu u eżiġibili, huwa ma jistax jeċċepixxi *l-kompensazzjoni*. U għalkemm il-likwidità ta' żewġ krediti mhix estrem essenzjali għall-kompensazzjoni ġudizzjali, b'dankollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu *dedott b'kompensazzjoni* mhix *faċili u ma tistax issir* malajr, bħalma hu fil-każ taħt eżami, din il-kompensazzjoni ma għandhiex tiġi faċilment *aċċettata* mit-tribunali (Vol. XVII-III-4);

Illi, għalhekk, il-konvenut għandu jagħti lura dak l-"ice-chest" lill-attur. Ma ssemmiex fuq *liema bażi* l-attur qiegħed jippretendi l-kumpens ta' 2s 6d. kuljum għall-użu ta' dak l-"ice-chest". Dina l-Qorti jidhrilha, fid-diskrezzjoni tagħha, *illi f'dan ir-rigward dan* il-kumpens għandu jkun ta' 1s. 6d. Jirriżulta illi b'ittra uffiċjali tal-5 ta' Ottubru, 1950, l-attur interpella lill-konvenut biex jirritornalu dak l-"ice-chest", *u ntimaħ* ukoll illi huwa kien *jippretendi* mingħandu dan il-kumpens minn dik id-data sar-restituzzjoni effettiva tiegħu lilu;

*Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut*, u rat *il-petizzjoni* tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali u kkundannatu jħallas lill-attur £190, u fejn ikkundannatu wkoll jirritorna l-"ice-chest" lill-attur u *jħallaslu bħala danni* s-somma ta' 1s.6d. *kuljum* mil-5 ta' Ottubru, 1950, sar-restituzzjoni effettiva tiegħu, u billi tiġi

*konfermata fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sena* relativament għat-talba rigward il-ħlas ta' 57 vjaġġ ġebel, u rrespinġiet it-talba relativa, u hekk jiġu miċħuda t-talbiet ta' l-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-attur, li pprevalixxa ruħu mill-appell avversarju u appella inċidentalment, u talab li l-appell tal-konvenut jiġi respint, u li l-imsemmija sentenza tiġi riformata fis-sens li, oltre l-kundanna *tal-konvenut* għall-ħlas ta' £190 u tal-kumpens ta' 1s.6d. kuljum għall-"ice-chest", u ta' l-ispejjeż u ta' l-imgħax mid-data tas-sentenza, f'liema kapi l-istess sentenza għandha tiġi konfermata, l-istess konvenut ikun ukoll kundannat iħallaslu s-somma ta' £142.10s. għall-ġarr *tal-ġebel*, bl-imgħax mil-5 ta' Ottubru, 1950, u l-imgħax fuq il-£190 ġa riferiti mit-28 ta' Marzu, 1950, f'liema kapi l-istess sentenza appellata għandha tiġi revokata, sija dwar il-meritu, sija wkoll dwar l-ispejjeż; bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut Chircop;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-appell prinċipali tal-konvenut;

Illi dan l-appell huwa relativ għal dawn it-tliet kapi tas-sentenza appellata :— (a) Għall-kundanna ta' l-appellant biex iħallas lill-attur £190 bilanċ ta' self ta' £200, bl-ispejjeż kontra l-istess appellant, billi *ġiet respinta* l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali minnu opposta kontra dik it-talba, bl-ispejjeż kontra tiegħu; (b) għall-kundanna ta' l-istess konvenut biex jagħti lura lill-attur, fi żmien perentorju ta' tmien tijiem, l-"ice-chest" imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni; (c) u għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas lill-attur il-kumpens għan-nuqqas ta' restituzzjoni ta' l-istess "ice-chest" fl-ammont ta' 1s.6d. kuljum mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Ottubru, 1950, sar-restituzzjoni *effettiva tiegħu*, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għall-imsemmi l-ewwel kap, is-self ta' £200 lill-appellant jirriżulta b'mod soddisfaċenti mix-xhieda ta' l-attur u ta' martu, korroborati miċ-ċirkustanzi ...... B'dan il-mod, virtwalment kien qiegħed jammetti li kellu jagħti lill-

attur £200, imma minnhom kellu jikkompensa £100 li kellu jieħu għar-raġuni fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Illi kontra l-imsemmi kreditu ta' l-attur l-appellant oppona l-*preskrizzjoni* ta' ħames snin, prevista mill-art. 2261(e) tal-Kodiċi Ċivili. Din l-eċċezzjoni ġiet respinta mill-Ewwel Qorti, għar-raġuni li s-sistema ta' difiża adottat mill-konvenut dwar dik il-pretensjoni ta' l-attur kien inkompatibili ma' dik l-eċċezzjoni, billi l-konvenut mhux qiegħed sempliċement jikkontesta d-debitu tiegħu, pretiż mill-attur, imma qiegħed jikkontesta dak il-pretiż debitu bħala totalment ineżistenti. Iżda l-ġurisprudenza tagħna l-aktar reċenti (Kollez. Vol. XXVIII-I-297; Vol. XXX-I-976; Vol. XXXII-I-961; u Vol. XXXIV-I-329) ma għadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi, bħal dik in eżami, huma bażati fuq il-preżunzjoni tal-pagament, għaliex il-ġurament li l-eċċipjent jiġi msejjaħ jieħu mhux dak li hu ħallas, iżda li mhux debitur, u għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibili ma eċċezzjonijiet oħra li jwasslu għall-konsegwenza li l-eċċipjent mhux *debitur*;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mid-dikjarazzjoni ta' l-attur (fol. 3), huwa silef lill-appellant il-£200 fuq imsemmijin xi disgħa snin qabel il-preżentazzjoni taċ-ċitazzjoni; u billi din ġiet ppreżentata fis-sena 1951, dak is-self sar fis-sena 1942. L-appellant, qabel iċ-ċitazzjoni, ġie interpellat għar-restituzzjoni ta' dak is-self b'żewġ ittri uffiċjali, waħda tat-28 ta' Marzu, 1950 u l-oħra tal-5 ta' Ottubru, 1950. Sakemm saret l-ewwel interpellazzjoni kienu għaddew madwar tmien snin minn meta sar is-self, u għalhekk kien għadda żmien biżżejjed għall-kompiment tal-preskrizzjoni eċċepita, jekk ma jirriżultax li ġiet b'xi mod interrotta. Iżda mill-provi li saru, apparti mix-xhieda tal-mara ta' l-attur u tat-tfal tagħha, dik l-interruzzjoni tirriżulta (1) mill-pagament akkont ta' £10 li sar fl-ewwel ta' Lulju, 1948, fol. 33, (b) mill-ammissjoni fuq *riportata magħmula max-xhud* Giovanni Bonnici, fol. 68, li saret meta l-kontendenti kienu ġa miksurin, jiġifieri minn sena sa

*tnejn* qabel ma ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, (c) mix-xhieda ta' Francesca Zerafa, fol. 68, li xehdet ......, u (d) mix-xhieda ta' Maria Agius, fol. 83, li xehdet ...... Għamlet, għalhekk, sewwa l-Ewwel Qorti, li rrespingiet l-imsemmija preskrizzjoni kwinkwennali, eċċepita mill-appellant, għalkemm mhux għar-raġunijiet miġjubin fis-sentenza appellata, iżda għal dawk żvolti f'din id-deċiżjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għall-kap li bih il-konvenut ġie kundannat jagħti lura lill-attur l-"ice-chest" reklamat bl-att taċ-ċitazzjoni, l-appellant, fix-xhieda tiegħu (fol. 50), qal testwalment li huwa ma ċaħdux minnha, iżda, biex jagħtihielu, ried li l-attur jagħtieh lura ħwejġu. L-appellant, għalhekk, ammetta li dik l-"ice-chest" hija ta' l-attur u li għandu jagħtihielu lura; u kwantu għall-kondizzjoni apposta għal dik ir-restituzzjoni hemm lok li jiġu adottati r-raġunijiet miġjubin fis-sentenza appellata għall-esklużjoni tagħha f'dan l-istadju;

Ikkunsidrat;

Illi l-aħħar aggravju miġjub 'il quddiem mill-appellant huwa dak relativ għall-kundanna tiegħu biex iħallas lill-attur, minħabba n-nuqqas ta' restituzzjoni ta' l-imsemmi "ice-chest", il-kumpens ta' 1s.6d. kuljum mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Ottubru, 1950 sar-restituzzjoni effettiva tiegħu. Dak il-kumpens ġie likwidat mill-Ewwel Qorti "arbitrio boni viri"; iżda din il-Qorti, meħudin in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha, speċjalment dik li l-imsemmi "ice-chest" jista' jkun ta' xi utilità biss fix-xhur tas-sajf, jidhrilha li l-kumpens likwidat huwa eżaġerat, u konsegwentement għandu jiġi ridott diskrezzjonalment għal sitt soldi (6d) kuljum;

*Ikkunsidrat*, fuq l-appell inċidentali ta' l-attur;

Illi dan l-appell huwa limitat għall-kap tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li bih il-konvenut ġie kundannat iħallas l-imgħax fuq is-somma ta' £190, favur tiegħu kanonizzata, mill-ġurnata tas-sentenza, mentri l-attur jippretendi li dawk l-imgħax imissuh mill-interpellazzjoni għall-ħlas minnu magħmula bl-ittra uffiċjali tat-28 ta' Marzu, 1950, u għall-kap li

*bih ġiet respinta* t-talba tiegħu għall-ħlas ta' 57 vjaġġ qabel, fl-ammont ta' £142. 10s. Kwantu għall-kwistjoni ta' l-imgħax, *l-imsemmija* pretensjoni hija ġustifikata, in bażi għaddispożizzjonijiet kombinati ta' l-art. 1182, 1183 u 1184 (2) tal-Kodiċi *Ċivili*. Kwantu għall-pretensjoni l-oħra, relativa għall-ħlas tal-ġarr tal-ġebel, ġiet mill-Ewwel Qorti eskluża billi ġiet milqugħa eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sena (art. 2252 (d) tal-Kodiċi Ċivili), opposta mill-konvenut. Mill-provi li saru rriżulta li dak il-ġarr tal-ġebel sar xi disgħa jew għaxar snin *qabel ma ġiet inizjata din il-kawża*, u *tant* il-konvenut kemm martu, fix-xhieda tagħhom, qalu li l-attur ġie soddisfatt ta' *kemm kellu jieħu* għal dak il-ġarr. Għalhekk, meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, u meta saru l-interpellazzjonijiet bl-imsemmijin *żewġ ittri* uffiċjali, tat-28 ta' Marzu, 1950 u tal-5 ta' Ottubru, 1950, il-preskrizzjoni eċċepita kienet ilha żmien twil kompita, u ma jirriżultax li ġiet qatt interrotta. Infatti, mill-istess xhieda ta' l-attur jidher evidenti ...... Fuq dan il-punt, għalhekk, l-aggravju miġjub 'il quddiem mill-attur mhux aċċettabili, u s-sentenza appellata mhix ċensurabili;

Ikkunsidrat;

Illi l-ġurament kontemplat *fid-disposiżżjoni* ta' l-art. 2265 tal-Kodiċi Ċivili għandu jiġi deferit biss fuq talba tal-kreditur li jkun konfrontat bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u l-liġi *ma takkordax* lill-*Qorti* l-fakoltà li timponi dak il-ġurament lid-debitur. Dak il-ġurament jista' jiġi deferit fil-kawża stess, jew *inkella*, *dejjem* fuq talba tal-kreditur, jista' jiġi impost fis-sentenza (Kollez. Vol. XXX, parte I, paġ. 542). Ebda talba, f'dan il-każ, *ma ġiet* magħmula mill-attur biex dak il-ġurament jiġi deferit lill-konvenut riferibilment għall-preskrizzjoni ta' sena minnu eċċepita *rigward* il-ħlas għall-ġarr tal-ġebel;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell *prinċipali* tal-konvenut, iżda biss fis-sens li tirriduċi għal 6d. kuljum il-kumpens likwidat bis-sentenza appellata għan-nuqqas *tar-restituzzjoni* ta' l-"ice-chest" hemm imsemmi, bl-ispejjeż relativi taż-żewġ istanzi żewġ terzi (2/3) għall-attur u terz (1/3) għall-konvenut, u tirres-

spinġi għall-kumplament dak l-appell prinċipali, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Tilqa' l-appell inċidentali ta' l-attur, biss fis-sens li fuq is-somma ta' £190, favur tiegħu kanonizzata bis-sentenza appellata, l-imgħax għandhom jiddekorru minn notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Marzu, 1950, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u tirrespinġi għall-kumplament l-istess appell inċidentali, bl-ispejjeż kontra l-attur;

U biss fis-sens fuq imsemmi rriformat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-7 ta' April, 1954.